Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Roxanne Tabone]
[Spettur Paul Camilleri]

vs

Myron Attard

Kumpilazzjoni Numru: 203/2021

Illum, 27 ta' Jannar, 2025

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Myron Attard** detentur tal-karta tal-identità bin-numru 514495M akkuzat talli bejn Mejju 2020 u Frar 2021 gewwa Lavander, Flat 1, Triq Bieb is-Sultan, Zabbar

1. **Ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taht l-età u cioè -Omissis- mwielda fil--Omissis-;**
2. **Aktar talli fl-istess cirkostanzi b'ghemil zieni, ikkorrompa lill--Omissis- mwielda fil--Omissis-.**

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbilit mil-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurtà ta' -Omissis-, hawn fuq imsemmija kif ukoll ghal familjari taghha.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ghas-sigurtà ta' -Omissis- ai termini tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat l-ezami tal-imputat fil-prezentata fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-Fedina Penali tal-imputat li hija wahda netta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru, 2023 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija u cioè:-

1. Fl-artikoli 18 u 204C(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 18 u 203(1) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikolu 6(2) tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi xehdet <u>l-Ispettur Roxanne Tabone</u> li pprezentat il-fedina penali tal-imputat, certifikat tat-twelid tal-imputat, rapport u rifjut tal-

jedd ghal parir legali. Tghid li dak iz-zmien li sehhew l-allegati reati kienet qieghda stazzjonata gewwa l-Vice Squad meta kien dahal rapport minghand -Omissis- u -Omissis-. Tali rapport sehh fl-Ghassa ta' Haz-Zabbar fil-hmistax (15) ta' Frar 2021 u rigwardanti minuri li giet nieqsa. -Omissis- spjegat kif bintha -Omissis- ta' hmistax (15)-il sena telqet mid-dar u dan minhabba l-fatt li -Omissis- talbet lil bintha sabiex issellfilha l-laptop taghha. Il-vittma minuri rrifjutat biex taghti tali laptop izda l-omm xorta wahda skopriet li bintha kienet qieghda tikkomunika mal-akkuzat Myron Attard tramite Skype. Meta l-vittma minuri giet ikkonfrontata b'dan hi harbet mid-dar. Tispjega li dan kollu beda f'Lulju tas-sena 2020 meta l-vittma minuri kienet qieghda tmur tiltaqa' mal-akkuzat minflok ma' shabha. Tixhed li l-omm u s-sieheb taghha kienu avvicinaw lill-akkuzat fit-tlieta u ghoxrin (23) t'Ottubru 2020 sabiex jikkonvincuh biex jieqaf ikellem lill-vittma minuri izda dan kien ghal xejn. Dan sehh wara li l-omm rat messagg mibghut mill-akkuzat lill-vittma minuri tramite Facebook Messenger li jghid: "Nahseb ahjar nieqfu man ghax ma nistghux nibqghu sejrin hekk. Sorry li zvergnajtek u hekk imma qatt ma ghamilt xi haga mieghek bil-kontra tieghek. Ma nixtieqx nitilfek imma m'hemmx x'taghmel hux."

Izzid tghid li l-omm indunat li l-akkuzat baqa' jikkomunika mal-vittma minuri stante li kien qieghed jibghat il-flus lill-istess vittma minuri sabiex tkun tista' tikkomunika tramite l-mobile u anke minhabba li darba minnhom omm l-akkuzat kienet baghtet messagg lill-vittma minuri. Tkompli tixhed li fl-ghoxrin (20) ta' Dicembru 2020 l-omm kienet sabet ritratti u filmati indicenti tal-akkuzat fejn jidher li qieghed jimmasturba l-parti privata tieghu. Meta giet ikkonfrontata l-vittma minuri dwar dan hi belghet hafna pilloli f'daqqa u kellha tittiehed l-isptar. Minhabba l-fatt li dawn il-filmati ttiehdu tramite SnapChat, dawn thassru. Tghid ukoll li l-vittma minuri kienet qieghda tigi segwita minn haddiema socjali. Incident iehor li gara kien meta l-vittma minuri harbet mid-dar u ommha u s-sieheb marru jfittxuha gor-residenza tal-akkuzat. Meta t-tfittxija rrizultat fin-negattiv huma marru jaghmlu rapport l-Ghassa. Tixhed li dan ir-rapport zviluppa minn minuri mitlufa ghal allegatament abbuz sesswali ma' minuri. Tghid li r-rapport rigward attivitajiet sesswali ta' minuri saret fis-sittax (16) ta' Frar tas-sena 2021. Tghid li -Omissis- kienet anke kellmet lill-omm l-akkuzat sabiex tipprova twaqqaf ir-relazzjoni bil-kelma t-tajba izda dan kollu kien ghalxejn.

Tkompli tixhed li giet mitkellma l-vittma minuri li spjegat li l-akkuzat kien baghtilha friend request tramite Facebook f'Mejju jew Gunju tas-sena 2020 u hi accetat. Tispjega li l-vittma minuri qalet li hi kellha d-data tat-twelid taghha miktuba fuq il-profil taghha filwaqt li kienet infurmat lill-akkuzat bid-data tat-twelid taghha. Tghid li l-vittma minuri bdiet tiltaqa' regolarment mal-akkuzat u dan billi tghid lil ommha li kienet sejra tiltaqa' ma' shabha. Wara xi zmien tistqarr li kien qed ikollha x'taqsam sesswalment mal-akkuzat gor-residenza tieghu stess f'Haz Zabbar. Tghid li kienet hbiet kemm ghandha zmien mill-familjari tal-akkuzat sabiex tipprotegi lill-akkuzat. Tixhed li c-chats ta' bejn il-vittma minuri u l-akkuzat gew ippreservati mis-Cyber Crime u li l-estrazzjoni tinstab immarkata bhala Dok. RTX.

Izzid tghid li hi flimkien mal-Ispettur Paul Camilleri kienu kellmu lill-akkuzat fit-tnejn (2) ta' Marzu tas-sena 2021 u dan wara li gie moghti d-dritt tieghu skont il-ligi ghall-parir legali. Tikkonferma li tali dritt gie michud mill-akkuzat stess tant li ffirma dikjarazzjoni f'dan is-sens li tinsab a fol. 221 tal-atti processwali.

Illi xehdet il-vittma minuri **-Omissis-** bis-sitema awdjo viziva u li kellha erbatax (14)-il sena meta sehh l-allegat reat. Tixhed li kienet

iltaqghet mal-akkuzat Myron Attard meta hu kien baghtilha friend request fuq Facebook u dan f'Gunju tas-sena 2020. Tikkonferma li hi kienet infurmat lill-akkuzat li kellha erbatax (14)-il sena u hu ma tax kaz. Tixhed li wara xahrejn iddecidew biex jiltaqghu u wara dakinhar baqghu johorgu flimkien b'dana li anke jiltaqghu gor-residenza tieghu stess. Tali residenza tinsab gewwa Haz-Zabbar. Izzid tghid li god-dar tieghu kienet tippartecipa f'attivitajiet sesswali mal-akkuzat. Tispjega li wara li kienu jitbewsu, l-akkuzat beda jmiss lill-vittma minuri fuq sidirha u fuq il-parti privata taghha. Tghid li l-att sesswali kien imbaghad isehh b'mod abitwali u li l-akkuzat kien juza l-protezzjoni. Tkompli tixhed li meta kienet issaqsi lill-akkuzat jekk ihossx li qieghed jaghmel xi haga hazina hu kien jghid li jhobbha. Tixhed li dan kien isehh madwar erba' (4) darbiet fil-gimgha u dejjem god-dar tal-akkuzat.

Tixhed ukoll li god-dar tal-akkuzat kienu jirrisjedu l-ahwa tieghu mentri ommu u missieru kienu jghixu gewwa Rahal Gdid. Tghid li omm u missier l-akkuzat ma kinux jafu kemm kellha zmien stante li l-akkuzat qalilha biex tghidilhom li ghandha l-età ta' sbatax (17) kwazi tmintax (18)-il sena.

Inkontroezami tichad li kienet hi li baghtet friend request izda kien l-akkuzat u tichad ukoll li kellha l-età ta' sbatax (17)-il sena mnizzel meta kienu bdew jikkomunikaw fil-bidu. Tichad li qalet lill-akkuzat li ghandha sbatax (17)-il sena u li kienet qaltlu li ghandha erbatax (14)-il sena. Iddentifikat lilha nnifisha fl-erba' (4) ritratti li gew ipprezentati a fol. 103 u 104 tal-atti processwali. Tikkonferma li fir-ritratt datat Settembru ta' 2020 hi kienet attendiet ghall-ikla t'gheluq zmien omm l-akkuzat. Tghid li dakinhar meta kienet qieghda titkellem mal-familjari tal-akkuzat qaltilhom li sejra taghlaq tmintax (18)-il sena. Tixhed li fit-tlieta u ghoxrin (23) t'Ottubru 2020 kienet sejra tohrog mal-akkuzat, m'ommha u mas-sieheb t'ommha biex jiccelebraw gheluq is-sena taghha izda l-ikla thassret. Tghid li din thassret stante li ommha kienet tal-opinjoni li hi kienet ghadha wisq zghira biex tohrog mal-akkuzat li kellu erbgha u ghoxrin (24) sena. Tippreciza li s-sieheb t'ommha kien mar bil-karozza biex jigbor lill-akkuzat u meta skopra kemm kellu zmien, l-istess sieheb t'ommha kien nizel ikellem lill-akkuzat. Gurnata ohra wara din id-data ommha kienet skopriet li qieghda tikkomunika mal-akkuzat tramite Skype u meta eskalaw l-affarijiet hi telqet mid-dar u marret s'ghand l-akkuzat u infurmatu sabiex ihassar il-messaggi li ntbaghtu tramite Skype. Tixhed li sakemm kienet qieghda taghmel dan kollu, ommha giet

id-dar tal-akkuzat tfittixha u hi marret tistahba. Tikkonferma li hi u l-akkuzat kienu ftiehmu bejniethom sabiex jghidu lill-omm akkuzat li sejra tattendi kors tal-hairdressing gewwa l-MCAST. Tghid li hi kienet ipprattikat go stabbiliment ta' hairdressing gewwa Haz-Zabbar ghal erbat (4) ijiem.

Izzid tghid li l-akkuzat qatt ma keccieha mid-dar tieghu izda huh kien keccieha darba meta kienu saru jafu bir-rapport. Tikkonferma li hi kienet tghid lil ommha li sejra tiltaqa' ma' shabha kull darba li kienet ser tiltaqa' mal-akkuzat. Tghid ukoll li lill-omm l-akkuzat kienet qaltilha li ommha taf bl-akkuzat u r-relazzjoni taghhom. Tixhed li hi ma kinitx tohloq profili foloz fuq Facebook izda kien l-akkuzat li kien jaghmel hekk. Tichad li kienet rat lill-akkuzat il-Belt ma' tfajla ohra u li kienet hedditu li jekk ma jirrangawx tmur taghmel rapport l-Ghassa. Tikkonferma li qatt ma kellha esperjenzi sesswali qabel ma ltaqghet mal-akkuzat. Tghid li fir-rigward certu -Omissis- u -Omissis- hi qatt ma kellha x'taqsam maghhom sesswalment izda kienet biss baghtitilhom tramite l-mezzi socjali. Izzid tghid li fl-erbgha u ghoxrin (24) t'Ottubru 2020 kenet taf li l-familja tal-akkuzat kienet organizzat festin ta' gheluq sninha izda ma tafx jekk  fuq il-kejk kienx hemm indikat l-età ta' tmintax

(18)-il sena. Tishaq li ma kinitx hi li kienet tissuggerixxi lill-imputat sabiex iwettqu attivitajiet sesswali.

Fuq riezami l-vittma minuri tixhed li r-rapport sar fis-sena 2021 minn ommha stante li kienet belghet hafna pilloli f'salt u spiccat l-isptar. Tghid li ghamlet hekk biex tikkonvinci lil ommha sabiex ma tmurx taghmel rapport kontra l-akkuzat. Tixhed li hi u l-akkuzat kellhom x'jaqsmu sesswalment fis-sena 2021 gewwa l-Belt hdejn Kastilja. Tixhed li r-relazzjoni ta' bejniethom damet madwar seba' (7) xhur u li kien hemm drabi fejn anke l-akkuzat xtaq iwaqqaf ir-relazzjoni. Ma tafx jekk ommha kinitx kellmet lil omm l-akkuzat rigward ir-relazzjoni ta' bejniethom. Tixhed li kienet ommha li wriet il-messaggi lill-pulizija.

Inkontroezami l-vittma minuri tixhed li huwa minnu li fi Frar kellhom x'jaqsmu sesswalment gewwa l-Belt. Tichad li kienet qalet lil ommha li xtaqet tmur taghmel ir-rapport kontra l-akkuzat hi. Tixhed ukoll li hi qatt ma marret wara l-bieb tal-akkuzat sabiex jirrangaw ir-relazzjoni taghhom.

Illi xehed <u>PS 31 Mario Farrugia</u> li jghid li fil-hmistax (15) ta' Frar tas-sena 2021 kienu gew -Omissis- u -Omissis- gewwa l-Ghassa

ta' Haz-Zabbar fis-sitta ta' filghaxija sabiex jirrappurtaw li t-tifla ta' -Omissis- (u cioè l-vittma minuri -Omissis-) li kellha hmistax (15)-il sena kienet nieqsa stante li harget mir-residenza taghha. Jghid li dan sehh minhabba l-fatt li l-omm indunat li bintha kienet qieghda tikkomunika ma' ragel maggorenni u cioè certu Myron Attard tramite Skype. Izid jghid li l-omm skopriet b'dan meta hi xtaqet tuza l-laptop tal-vittma minuri u l-istess vittma minuri ma xtaqitx issellef il-laptop taghha. Ikompli jghid li l-omm kienet taf b'din il-persuna stante li bintha talbet sabiex tibda tohrog ma' guvni bl-età ta' hamsa u ghoxrin (25) sena fis-sena 2020. Jixhed ukoll li l-vittma minuri kienet qieghda tiltaqa' mal-akkuzat minkejja li l-omm ma ridithiex taghmel dan u li l-istess omm indunat b'dan kollu stante li -Omissis- kienet qieghda ttella' r-ritratti fuq Facebook. Izid jghid li -Omissis- kif ukoll is-sieheb taghha -Omissis- irrappurtaw li fit-tlieta u ghoxrin (23) t'Ottubru avvicinaw lill-akkuzat u dan sabiex jikkonvincuh biex itemm ir-relazzjoni intima bejnu u bejn il-vittma minuri. Dakinhar stess -Omissis- stqarret li l-akkuzat kien baghat messagg lill-vittma minuri tramite l-Facebook Messenger li jghid: "Nahseb ahjar nieqfu hawn ma nistghux sejrin hekk Hen, sorry illi zvergnajtek u hekk imma qatt ma ghamilt xi haga mieghek bil-kontra tieghek. Ma nixtieqx nitilfek imma m'hemmx x'taghmel hux."

Izid jghid li wara dak il-messagg l-omm ippruvat izzomm lit-tifla 'l boghod minn kwalunkwe tip ta' komunikazzjoni mal-akkuzat izda xhur wara skopriet li l-akkuzat kien qieghed jibghat il-flus lill-vittma minuri sabiex tikkomunika mieghu tramite l-mobile. Jixhed ukoll li fl-ghoxrin (20) ta' Dicembru 2020 l-akkuzat u l-vittma minuri kienu qeghdin jikkomunikaw tramite SnapChat u li l-omm tal-vittma minuri kienet rat video fejn l-akkuzat kien qieghed jimmasturba u juri l-parti privata tieghu lill-vittma minuri. Jixhed li l-omm irrappurtat ukoll li l-vittma minuri kienet anke hadet skoss pilloli f'salt u ghalhekk spiccat l-isptar u wara dakinhar il-vittma minuri kienet qieghda tigi segwita minn haddiema socjali. Jixhed li l-ahhar incident li sehh kien meta l-vittma minuri ghebet u nstabet hdejn ir-residenza tal-akkuzat. Minn hemm l-omm accediet gewwa l-Ghassa ta' Haz-Zabbar flimkien mal-vittma minuri fejn l-istess vittma minuri giet mitkellma u stqarret li kienet miexja lejn ir-residenza tal-akkuzat. Jixhed li hu gharraf lill-Ispettur Paul Camilleri b'dan kollu u minn hemm kompliet l-investigazzjoni.

Izid jghid li PC 629 kien qieghed mieghu gewwa l-Ghassa ta' Haz-Zabbar meta giet l-omm u s-sieheb taghha sabiex jaghmlu rapport li t-tifla kienet giet nieqsa u li kien ghenu jifformola r-rapport

flimkien. Jikkonferma li PC 2304 Andrea Tanti kienet mieghu meta giet mitkellma l-vittma minuri. Jixhed li hu qatt ma ltaqa' mal-akkuzat u jikkonferma li hu kien ra l-messagg mibghut tramite Facebook Messenger stante li l-omm uriet tali messagg. Jixhed li l-filmat ta' SnapChat kien thassar.

Illi xehdet **-Omissis-** li hija omm il-vittma minuri. Tghid li hi skopriet minn ritratti u messaggi fuq il-mobile tal-vittma minuri li kienet qieghda tohrog mal-akkuzat Myron Attard. Tixhed li wara li kellmet lil bintha, hi ammettiet li kienet f'relazzjoni intima mal-akkuzat. Kienet hemmhekk li hi kkomunikat mal-akkuzat sabiex tfiehmu li din ir-relazzjoni ma tistax tibqa' sejra stante li bintha ghandha erbatax (14)-il sena u hu ghandu erbgha u ghoxrin (24) sena. Tghid li l-akkuzat baqa' jinsisti maghha li hu jhobb lil -Omissis-. Izzid tghid li kienet kellmet ukoll lil omm l-akkuzat li ma kienet taf b'xejn u li hi kienet minghalija li l-vittma minuri ghandha l-età ta' sbatax (17)-il sena u daqt ser tghalaq tmintax (18)-il sena. Izzid tghid li hi ma bdietx thalli lit-tifla tohrog wahedha mid-dar izda ndunat xhur wara li bintha u l-akkuzat kienu qeghdin jikkomunikaw stante li l-istess akkuzat kien qieghed jibaghtilha l-flus sabiex iccempel bil-mobile. Tixhed li kien ghalhekk li hi ppruvat tavvicina lill-akkuzat id-dar tieghu izda bir-rabja li kellu

hu ma harigx mid-dar. Kien ghalhekk li kellmet lil huh u spjegatlu li ma jistax ikun li tifla ta' erbatax (14)-il sena tiltaqa' ma' ragel ghaxar (10) snin ikbar minnha.

Tkompli tixhed li bintha hija tifla tal-età taghha u mhux matura. Tghid li hi kellha l-profil ta' Facebook ta' bintha fuq il-mobile taghha sabiex issegwiha u kien hemmhekk li skopriet li l-akkuzat kien qieghed jerga' jikkomunika mal-vittma minuri. Tixhed li sabet filmati fejn l-akkuzat kien juri l-parti privata tieghu lill-vittma minuri tramite SnapChat. Tghid li meta kellmet lit-tifla, l-istess bintha ammettiet maghha li kellha x'taqsam sesswalment mal-akkuzat. Tghid li wara li t-tifla dahlet l-isptar, bintha u l-akkuzat regghu bdew jiltaqghu u din id-darba kienu qeghdin jikkomunikaw tramite Skype. Tixhed li l-vittma minuri kienet harbet mid-dar sabiex tmur tghid lill-akkuzat li hi kienet sejra taghmel rapport l-Ghassa u ma setghetx issibha mkien. Kien ghalhekk li hi marret id-dar tal-akkuzat izda bintha ma kinitx hemm u minn hemm marret l-Ghassa. Tixhed li l-ewwel darba li bintha wettqet l-att sesswali kien mal-akkuzat. Tghid li dan il-fatt gie anke kkonfermat minn messagg mibghut mill-akkuzat stess lill-vittma minuri fejn hu skuza ruhu talli kellu x'jaqsam maghha sesswalment u dan tramite Facebook Messenger.

Illi xehed **PC 629 Alessandro Schembri** li jghid li fil-hmistax (15) ta' Frar 2021 kien stazzjonat gewwa l-Ghassa ta' Haz-Zabbar meta fis-sitta ta' filghaxija rrappurtat certu -Omissis- flimkien mas-sieheb taghha -Omissis- li kienet harbet it-tifla -Omissis- u ma kinux jafu fejn qieghda. Jghid li t-tifla kienet harbet mir-residenza wara li giet ikkonfrontata minn ommha rigward il-fatt li kienet qieghda tikkomunika ma' guvni bl-isem ta' Myron Attard li huwa ferm ikbar minnha fl-età. Jixhed li l-omm spjegat kif fis-sena 2020 il-vittma minuri kienet qieghda tikkomunika mal-akkuzat tramite Facebook u kien ghalhekk li hi gieghlet lit-tifla sabiex twaqqaf kull komunikazzjoni. Kien f'Lulju tas-sena 2020 li l-omm indunat li bintha kienet qieghda tuza l-iskuza li sejra l-Belt ma' xi hbieb sabiex tmur tiltaqa' mal-akkuzat minflok. Jixhed li l-omm saret taf b'dan tramite ritratti li sabet fuq il-mobile ta' bintha. Kien ghalhekk li ddecidiet li zzid il-profil tal-Facebook ta' bintha fuq il-mobile taghha. Jghid li fit-tlieta u ghoxrin (23) t'Ottubru -Omissis- u s-sieheb marru jikkonfrontaw lill-akkuzat fir-residenza tieghu sabiex jiddisswaduh milli jkompli jikkomunika mal-vittma minuri. Jixhed li l-akkuzat irritalja billi heddidhom u insista maghhom li ma kien qieghed jaghmel xejn hazin. Izid jghid li dakinhar stess l-akkuzat kien baghat lill-vittma minuri li jkun ahjar jekk jieqfu jaraw lil xulxin filwaqt li skuza ruhu talli wettaq atti sesswali maghha.

Izid jghid li minkejja dan, xahar wara l-omm indunat li l-akkuzat baqa' jikkomunika mal-vittma minuri stante li l-istess akkuzat kien qieghed jaghtiha l-flus sabiex tikkomunika bil-mobile. Ikompli jghid li l-omm tiftakar kif fl-ghoxrin (20) ta' Dicembru 2020 hi ndunat li l-vittma minuri kienet qieghda tircievi filmati indicenti tal-akkuzat tramite l-applikazzjoni SnapChat. Jghid li fost il-filmati kien hemm wiehed minnhom fejn l-akkuzat jidher li qieghed jimmasturba. Jixhed li dawn il-filmati kienu lahqu gew imhassrin. Kien ghalhekk li hi qalet lil bintha li sejra l-ghassa sabiex taghmel rapport. Jghid li minhabba f'hekk it-tifla dahlet gol-kamra tal-banju u belghet ammont kbir ta' pilloli f'salt u kellha tittiehed l-isptar fejn hemmhekk bdiet tigi segwita minn haddiema socjali. Jixhed li incident iehor li rrappurtat l-omm kien meta skopriet li l-akkuzat kien qieghed jikkomunika mal-vittma minuri tramite Skype u dan ghaliex il-vittma minuri ma riditx issellef il-laptop taghha lil ommha. Jikkonferma r-rapport immarkat bhala Dok. RT3 u pprezenta rapport rigward persuna nieqsa mmarkat Dok. AS1.

Illi xehdet <u>PC 2304 Andrea Tanti</u> li tghid li fil-hmistax (15) ta' Frar tas-sena 2021 waqt li kienet xoghol gewwa l-Ghassa ta' Bormla, PS 31 Mario Farrugia kien taha struzzjonijiet sabiex titla' sal-Ghassa ta' Haz-Zabbar. Xhin waslet hemmhekk giet infurmata li

kien hemm rapport dwar minuri li giet nieqsa u li eventwalment instabet u giet l-Ghassa. Tghid li hi u PS 31 Mario Farrugia kellmu lil din it-tifla li stqarret li ommha skopriet li kienet qieghda titkellem ma' ragel maggorenni bl-isem ta' Myron. Tghid li l-minuri hija l-vittma u cioè -Omissis-.

Illi regghet xehdet **-Omissis-** riprodotta mill-prosekuzzjoni li pprezentat chats mehudin minn Facebook kif ukoll minn Skype. Tghid li c-chat datat 22 t'Ottubru 2020 jikkontjeni l-mument fejn hi talbet lil bintha biex tkellem lill-akkuzat sabiex tiddisswadih milli jkompli jiltaqa' mal-vittma minuri. Tali chat ittiehed mill-mobile tal-vittma minuri. Ic-chat datat 11 ta' Dicembru 2020 jikkontjeni messagg minghand omm l-akkuzat indirizzata lill-vittma minuri fejn qieghda tinforma lill-istess -Omissis- li l-akkuzat jinsab sew. Tixhed li c-chat datat 15 ta' Frar 2021 huwa mehud minn Skype fiz-zmien meta hi marret taghmel rapport fil-konfront tal-akkuzat. Tissuspetta li l-akkuzat dahal fil-profil ta' bintha u hassar diversi messaggi li kien hemm bejnu u bejnha fuq Facebook Messenger u Skype.

Illi xehed **-Omissis-** li jghid li hu jigi s-sieheb ta' -Omissis- u jaf lill-vittma minuri -Omissis-. Jixhed li hu jghix fir-residenza

taghhom u ghalhekk jaf il-fatti ta' kif kollox wasal sal-proceduri odjerni. Jixhed li darba minnhom hu u -Omissis- kienu hdejn il-vittma minuri meta ndunaw li kienet qieghda tikkomunika mal-akkuzat Myron Attard u dan minkejja li l-istess vittma minuri avzatu li hi ghandha hmistax (15)-il sena. Jghid li hu u l-omm gieghlu lit-tifla sabiex thassar il-komunikazzjoni li kellha minn mieghu izda xorta sabu mezz ta' komunikazzjoni. Jghid li wara dakinhar l-omm kienet ghamlet password tal-profil tal-vittma minuri fuq Facebook sabiex tkun tista' tara l-messaggi li qieghda tircievi. Jghid li dan kollu sehh fis-sena 2021. Ikompli jixhed li l-akkuzat xorta wahda sab mod kif jista' jikkomunika mal-vittma minuri u cioè tramite WhatsApp kif ukoll anke jiltaqa' maghha fizikament hdejn il-bandli ta' Bormla. Jghid li l-akkuzat kien anke jehodha lura d-dar tieghu b'intenzjonijiet hziena.

Ikompli jixhed li meta qabdu lit-tifla tikkomunika mal-akkuzat l-ewwel darba, l-omm kienet ikkomunikat mal-akkuzat izda hu xorta wera l-intenzjoni tieghu li jkompli jiltaqa' mal-vittma minuri. Jixhed li kien hemmhekk meta mar jikkonfrontah wicc imb wicc sabiex jikkonvincih li jieqaf jikkomunika mal-vittma minuri. Dan kien ghalxejn stante li komplew jiltaqghu u kien ghalhekk li insista li jiehu l-vittma minuri l-Ghassa sabiex jaghmlu rapport fil-

konfront tal-akkuzat u anke sabiex l-istess akkuzat ma jirrovinax il-futur tal-vittma minuri. Jixhed li din ma kinitx l-ewwel darba li l-akkuzat kellu x'jaqsam sesswalment ma' persuna minorenni. Izid jghid li kien hadha fuqu li jipprova jsegwi l-komunikazzjonijiet li l-vittma minuri u l-akkuzat kellhom izda t-tifla sahansitra anke uzat Skype sabiex tikkomunika. Jixhed li meta avvicina lill-vittma minuri sabiex ikellimha dwar is-sitwazzjoni hi stqarret mieghu li kellha x'taqsam sesswalment mal-akkuzat diversi drabi tant li ma setghetx tiftakar l-ammont ta' drabi li kellhom x'jaqsmu. Ikompli jghid li hu ghandu relazzjoni tajba mal-vittma minuri u li l-vittma minuri kellha x'taqsam sesswalment mal-akkuzat biss. Jghid ukoll li meta kienu ser imorru l-Ghassa l-vittma minuri kienet ikkonsmat hafna pilloli.

Illi xehed <u>PC 27 Alan Zahra</u> li jghid li fit-tnejn (2) ta' Marzu 2021 l-akkuzat Myron Attard kien gie gewwa l-Kwartieri tad-Depot fuq rapport li allegatament kien ikkorrompa lill-minuri -Omissis-. Jixhed li l-akkuzat kien inghata d-drittijiet kollha flimkien mal-ittra tad-drittijiet ta' rifjut ghall-jedd ta' parir legali u li tali ittra giet iffirmata mill-akkuzat.

Illi xehed <u>**PC 438 William Borg**</u> li pprezenta rapport kontenenti chats bejn il-vittma minuri u l-akkuzat li gew ippreservati mill-ex PS 161. Jikkonferma li dan sar bhala police work. Tali rapport gie mmarkat bhala Dok. WB1.

Illi rega' xehed <u>**-Omissis-**</u> riprodott mill-prosekuzzjoni li jghid li gharaf lill-akkuzat Myron Attard.

Illi xehdet <u>**Christine Schembri**</u> bis-sistema awdjo vizivza li tghid li hi tahdem bhala Psychiatric Nurse. Tikkonferma li hi kienet issegwi lill-vittma minuri. Tixhed li l-ewwel kuntatt li sar kien fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru 2020. Tghid li hi giet riferuta ghandha bhala Care Worker taghha u ghamlet ftit gimghat maghha. Izzid tghid li hi kien ikollha appuntamenti maghha fejn il-vittma minuri kienet tkellimha stante li kienet hadet xi pilloli u ddahhlet l-isptar. Tkompli tghid li mill-ftit li taf skopriet li r-raguni ghalfejn hadet hafna pilloli f'salt kien stante li l-vittma minuri kienet ghadha kif kellha glieda m'ommha rigwardanti guvni. Tixhed li ma tantx kienet kellmitha dwar dan il-guvni fil-gimghat li ltaqghet maghha u dan minhabba l-fatt li xogholha kien iktar relatat fuq is-sahha mentali tal-vittma minuri. Tali guvni ghandu l-isem ta' Myron Attard.

Illi xehdet <u>**Alexia Baldacchino**</u> bis-sistema awdjo viziva li tghid li taghmel parti minn tim ta' professjonisti fl-emergenza ta' Mater Dei fejn jassistu nies li jidhlu minhabba ragunijiet abbinati mas-sahha mentali. Tixhed li fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru 2020 kienet xoghol meta assistiet lill-vittma minuri -Omissis-. Tixhed li l-vittma minuri ddahhlet l-isptar minhabba l-fatt li kienet belghet diversi pilloli f'salt wiehed u dan stante glieda li kellha m'ommha rigward relazzjoni intima li kellha ma' guvni ta' hamsa u ghoxrin (25) sena. Bhala reazzjoni ghal fatt li ommha kienet sejra tirrapporta din ir-relazzjoni lill-Pulizija l-vittma minuri hadet diversi pilloli f'salt wiehed. Tixhed li meta skopriet b'dan hi rrappurtat il-kaz lic-Child Protection Services stante li l-kaz kien jinvolvi tifla ta' hmistax (15)-il sena u ragel ta' hamsa u ghoxrin (25) sena. Tikkonferma li hi ma tafx min hu dan il-guvni li allegatament kien f'relazzjoni intima mal-vittma minuri ghajr ghall-isem li huwa Myron Attard. Tghid li dak iz-zmien il-vittma minuri bdiet tigi segwita minn kollega taghha Christine Schembri u wara ftit zmien saret taf minghand -Omissis- li l-vittma minuri regghet kienet qieghda tikkomunika ma' Myron Attard. Saret taf ukoll li l-vittma minuri kienet anke rceviet filmati indicenti tal-istess Myron Attard. Tixhed li ma' kull aggornament hi kienet qieghda tinforma lic-Child Protection Services. Ipprezentat serje ta'

emails li ntbaghtu lic-Child Protection Services rigward il-kaz tal-vittma minuri

Illi xehed <u>l-Ispettur Paul Camilleri</u> li jghid li fil-hmistax (15) ta' Frar 2021 kien qieghed jahdem fid-distrett ta' Haz-Zabbar, Bormla u Marsaskala meta kien dahal rapport minghand certu -Omissis- flimkien ma' bintha -Omissis- li rrappurtaw li l-vittma minuri kellha x'taqsam sesswalment ma' ragel maggorenni. Jixhed li hu gie mitkellem mis-Surgent li ha r-rapport u wara kkomunika mal-Ispettur Roxanne Tabone li tiehu hsieb il-Vice Squad sabiex tkompli l-investigazzjoni. Jghid li hu kellem lill-vittma minuri u lill-omm fis-sittax (16) ta' Frar gewwa d-Depot tal-Pulizija. Izid jghid li l-omm stqarret li kienet ilha tipprova twaqqaf ir-relazzjoni izda l-vittma minuri kienet dejjem tibqa' tikkomunika mal-akkuzat minn wara dahar l-istess omm. Jghid li l-omm iddecidiet li twettaq rapport fil-konfront tal-akkuzat meta fil-hmistax (15) ta' Frar 2021 kellha bzonn tuza l-laptop ta' bintha meta sabet diversi messaggi bejn bintha u l-akkuzat. Ikompli jixhed li fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' April 2021 gie interrogat l-akkuzat Myron Attard bis-sistema awdjo viziva fejn ikkonferma li kellu relazzjoni intima mal-vittma minuri u li tali relazzjoni ma kinitx wahda sfurzata. Dan l-ahhar punt gie anke kkonfermat mill-vittma minuri. Jikkonferma

n-nota ta' rifjut tal-jedd ghall-parir legali a fol. 221 tal-atti processwali kif ukoll is-CD li fuqu hemm l-istqarrija tal-imputat a fol. 12 tal-atti processwali. Jikkonferma ukoll ic-chats esebiti a fol. 224 *et sequitur* li kien hemm bejn l-akkuzat u l-vittma minuri.

Illi xehdet PS 2330 Joanna Sammut li tghid li fil-hmistax (15) ta' Frar 2021 saret taf li l-Vice Squad ircieva rapport ta' minuri nieqsa bl-isem ta' -Omissis-. Tghid li omm il-minuri -Omissis- kienet stqarret li dan kollu kien abbinat mal-fatt li l-vittma minuri kienet ippartecipat f'attivitajiet sesswali. Tghid li fis-sittax (16) ta' Frar -Omissis- giet mitkellma mill-Ispettur Roxanne Tabone u l-Ispettur Paul Camilleri. Tixhed li dakinhar it-tifla kienet digà misjuba u ghalhekk -Omissis- setghet taghti iktar dettalji. Izzid tghid li hi stqarret li bintha kienet bdiet tikkomunika mal-akkuzat Myron Attard fis-sena 2020 u li tali persuna kienet ghaxar (10) snin ikbar minnha. Tixhed li t-tifla kellha erbatax (14)-il sena filwaqt li l-akkuzat kellu erbgha u ghoxrin (24) sena. Hi saret taf bir-relazzjoni fit-tlieta u ghoxrin (23) t'Ottubru 2020 filwaqt li saret taf ukoll li l-vittma minuri kellha x'taqsam sesswalment mal-akkuzat. Tixhed li l-akkuzat kien qal lil ommu li l-vittma minuri kellha sbatax (17)-il sena u li omm il-vittma minuri kienet hadet

il-laptop u l-mobile tat-tifla sabiex tieqaf tikkomunika mal-akkuzat.

L-omm kompliet tistqarr kif fl-ghoxrin (20) ta' Dicembru 2020 kienet tat il-mobile lura lill-vittma minuri izda regghet kienet qieghda tikkomunika mal-akkuzat tant li kienet anke sabet diversi ritratti indicenti li gew mibghuta tramite Snapchat. Hekk kif qalet lil bintha li sejra tirrapporta dan kollu lill-Pulizija l-vittma minuri argumentat maghha u nghalqet gol-kamra tal-banju sabiex tipprova twettaq suwicidju. Izzid tghid li fil-hmistax (15) ta' Frar 2021 l-omm tat il-laptop lura lill-vittma minuri izda indunat li t-tifla kienet qieghda tikkomunika mal-akkuzat tramite Skype u stante li argumentaw il-vittma minuri hassret l-informazzjoni ezistenti fuq Skype u harbet mid-dar. Tixhed li l-omm eventwalment sabet lill-vittma minuri fit-triq tal-akkuzat u cioè Triq Bieb is-Sultan, Zabbar. Tghid li meta -Omissis- regghet fethet il-profil ta' Skype ta' bintha sabet messagg mibghut mill-akkuzat li jghid: "Sorry zvergnajtek jew hekk imma qatt m'ghamilt xejn kontra l-volontà tieghek." Kien ghalhekk li l-omm giet mitluba sabiex tmur fl-ufficini tal-Cyber Crime Unit sabiex jippreservaw l-informazzjoni fic-chat logs u screenshots ta' messaggi li ntbaghtu bejn l-akkuzat u l-vittma minuri.

Illi xehed <u>l-ex PS 161 Joseph Louis Scerri</u> li jghid li fiz-zmien li sehh l-allegat reat hu kien surgent fi hdan il-Cyber Crime Unit. Jghid li kien intalab sabiex jippreserva informazzjoni fuq Skype. Jixhed li tali informazzjoni kienet ittiehdet minn fuq laptop.

Illi xehdet <u>Ruth Buhagiar Navarro</u> li tghid li hi kienet haddiema socjali fi hdan l-emergenza. Tixhed li kienet intalbet mill-Pulizija sabiex takkumpanja l-minuri -Omissis- waqt li kienet qieghda tigi interrogata. Tikkonferma li hi kienet prezenti f'din l-interrogazzjoni.

Illi rega' xehed <u>l-ex PS 161 Joseph Louis Scerri</u> li jghid li l-informazzjoni li ppreserva kien ghaddieha lil Surgenta fi hdan il-Vice Squad. Jikkonferma li s-CD ipprezentat mill-Ispettur Roxanne Tabone kien xoghol tieghu.

Illi rega' xehed <u>l-Ispettur Paul Camilleri</u> li pprezenta c-certifikat tat-twelid tal-vittma minuri -Omissis- mmarkat bhala Dok. PC1. Jghid li xtaq jikkoregi dak li qal fix-xhieda precedenti tieghu u cioè li l-istqarrija a fol. 12 tal-atti processwali mhix tal-akkuzat izda tal-istess vittma minuri. Ipprezenta wkoll CD bl-istqarrija tal-imputat immarkat bhala Dok. PC2.

Illi xehdet **Dr Katya Vassallo** li giet inkarigata minn din il-Qorti sabiex taghmel traskrizzjoni tal-istqarrija tal-akkuzat. Tali traskrizzjoni gietipprezentata u mmarkata bhala Dok. KV1.

**Ikkunsidrat**

Illi jinghad li dan il-kaz jistrieh fuq il-kredibilità tal-parte civile - Omissis- kif ikkorroborata mal-provi l-ohra mressqa mill-Prosekuzzjoni. Zewg affarijiet li din il-Qorti tikkonsidra meta tkun qed tanalizza tali xhieda ta' minuri huma dawk tal-idonejità taghha bhala xhud u l-veracità tat-testimonjanza taghha.

Illi fl-ewwel lok a rigward l-idonejità tal-minuri bhala xhud, tezisti gurisprudenza varja dwar dan il-kuncett. Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giuzeppi Bonnici** datata 28 ta' Marzu 1949, gie stipulat hekk -

> *"Skond il-Ligi Maltija (art. 626 Kap. 12 [illum art. 630 Kap. 9]), hadd ma jista' jigi eskluz milli jaghti x-xhieda tieghu minhabba li ma jkollux xi età partikulari. Izda, tkompli tghid il-Ligi ta' Malta, hemm bzonn li l-Qorti tkun sodisfatta illi x-xhud, ghalkemm mhux ta' l- età, jaf illi hija*

*haga hazina li wiehed jixhed il-falz. Minbarra dan, hu wkoll ligi (art. 625 [illum 629] illi meta l-Qorti, minhabba l-età tax-xhud, ikollha dubju jekk hu jifhemx l- importanza tal-gurament, anki wara t-tifsir tal-Qorti, u jkun jidhrilha mehtieg illi x-xhud, qabel ma jixhed, ghandu jigi nfurmat ahjar dwar il-konsegwenzi ta' xhieda falza, hija tista', jekk fil-fehma taghha x-xhieda ta' dak ix-xhud hija rilevanti, thalli l-kawza ghal gurnata ohra;"*

Illi, ukoll il-kwistjoni tal-età tax-xhud, fuq l-iskorta tat-test tal-ligi u l-gurisprudenza varja, giet indirizzata minn Sir Anthony Mamo fin-*"**<u>Notes on Criminal Procedure</u>**"* b'dan il-mod:

*"The essential condition [dwar il-kompetenza tax-xhud] is that the person shall be of sound mind at the time of being tendered as a witness. If this condition is satisfied, the want of any particular age is not a reason for excluding competence, it being sufficient that the court be satisfied that the witness, though of young age, understands that it is wrong to give false testimony .... **Competency thus depends not on the precise age but upon the actual intelligence of the witness.***

*Our law still makes it essential, however, to the competency of every witness that he should know and accept the obligation of an oath and that he shall in fact be sworn. The principle upon which our law still proceeds is that 'it places no reliance on testimony not given on oath. Consequently no person whatever his age can give testimony upon any trial, civil or criminal, until he has, in the form prescribed by law, given an outward pledge that he considers himself responsible for the truth of what he is about to narrate, and renders himself liable to the temporal penalties of perjury in the event of his wilfully and corruptly giving false evidence' ....*

*If on account of his age or for other reasons it appears doubtful whether a person tendered as a witness understands the obligation of the oath, the court explains this to the witness; and if, notwithstanding such explanation the court shall deem it necessary that the witness, before giving evidence, be further instructed as to the consequence of the false testimony, the court may, if it considers the evidence of such witness to be important for the ends of justice, adjourn the trial to another day and,*

*should the case be before the criminal court, discharge the jury.*

***If the court is not satisfied that the proposed witness can understand the obligation of the oath (nor that he can be instructed as aforesaid) the court is bound to reject that witness as incompetent***[1]*. It cannot hear him without oath (...)"*

Illi rigward il-veracità tax-xhieda tal-minuri ghandu jinghad mill-bidu, li fix-xhieda taghha, l-istess minuri kienet konsistenti u dan ghaliex il-verzjoni taghha giet ikkorroborata mill-verzjoni ta' diversi xhieda li l-prosekuzzjoni ressqet, fosthom ommha u s-sieheb taghha -Omissis-.

Illi min-naha l-ohra l-imputat ghazel li ma jixhidx izda kien ghazel li jwiegeb ghad-domandi maghmulin lilu fl-interrogazzjoni tieghu. Tali stqarrija giet esebita minn Dr Katya Vassallo u mmarkata bhala Dok. KV1 u turi bic-car li l-akkuzat dejjem sahaq li hu qatt ma kien jaf li l-vittma minuri kellha bejn erbatax (14) u hmistax (15)-il sena

[1] Emfazi tal-Qorti

meta bdew din ir-relazzjoni izda sahaq li kienet l-istess vittma minuri li qaltlu li ghandha tmintax (18)-il sena.

## Ikkunsidrat

Illi oramaj huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghal-liberatorja tal-imputat ghaliex il-Qorti hija obbligata li tevalwa l-provi fl-assjem taghhom u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min tista' temmen u f'xiex u dan *multo magis* f'dawn it-tip ta' kawzi meta jkollok verzjoni ta' minorenni versu verzjoni ta' persuna ohra.

Illi huwa principju bazilari wkoll li r-reat tal-imputat irid jigi ppruvat mill-Prosekuzzjoni 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Dan ifisser li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li din il-Qorti trid tasal ghalih hu, li wara li tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-provi kollha, tkun moralment konvinta minn dak il-fatt

li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. F'dawn il-kuntesti l-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal **Lord Denning**:

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence: 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Omissis** deciza mill-Qorti Kriminali fil-11 ta' Jannar 2019 inghad:

*"Illi huwa minnu illi dawn il-kazijiet ta' reati kontra l-persuna fosthom stupru, u korruzzjoni ta' minuri hafna drabi jipprezentaw stampa fejn l-provi probatorji ikunu jikkonsistu fix-xhieda taz-zewg persuni involuti f'dan l-event kriminuz u cioe' il-verzjoni tal-minuri u dik tal-persuna akkuzata. Wiehed jghid iswed u l-iehor jghid*

*abjad biex b'hekk ghandhom rwol rizoluttiv, il-kredibilta' u l-attendibilita' ta' xhieda ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Din il-kredibilita` u attendibilita f'dawn it-tip ta' kawzi hafna drabi tohrog mill-komportament tax-xhud, oltre l-inkonsistenzi fid-deposizzjoni taghha.*

*Illi inoltre biex tezamina l-kredibilita' tax-xhud, il-Qorti ghandha tezamina d-dettalji ipprezentati quddiemha mhux biss mix-xhieda tal-atturi ewlenin involuti f'din il-vicenda sfortunata, izda ukoll tax-xhieda l-ohra li iddeponew u xhieda ohra li taw il-kontribuzzjoni taghhom professjonali ghar-risoluzzjoni ta' din il-vertenza, ezercizzju li din il-Qorti trid taghmel b'mod konciz u dettaljat."*

Illi fuq dan is-suggett u ghall-kompletezza, qed issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker</u>**[2] fejn gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come*

[2] QA Kriminali – deciza fid-19 ta' Mejju 1997

*to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi wkoll fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** mogħtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qegħdin jagħtu verżjoni differenti minn oħrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi għax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li għandha twassal għal liberatorja."*

Ukoll fil-kawża **Pulizija vs. Joseph Thorn**[3], il-Qorti qalet:

*"... mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annunċjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal għal*

[3] QA Kriminali – deċiża 9 ta' Lulju 2003

*konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx"*

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace**[4] inghad is-segwenti:

*"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz ta' l-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija millArtikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Illi l-Qorti rat ukoll dak li jipprovdi Artikolu 637 dwar kif ghandha tanalizza kredibbiltà ta' xhud b'dan illi, *"id-decisjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-*

[4] QA Kriminali deciza fil-31 ta' Ottubru 2013

*xiehda tieghu, u jekk ix- xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal- kaz."*

Illi ghalhekk din il-Qorti jidhrilha li l-verzjoni tal-vittma minuri ghandha titwemmen filwaqt li l-imputat ma kkonvinca bl-ebda mod li ma kienx jaf li l-vittma minuri kienet t'età minorenni. Din il-Qorti fil-fatt taghmel referenza ghall-istqarrija tal-istess akkuzat fejn jinghad hekk:

*"Spettur Roxanne Tabone:* *Iva hi qaltilna ifhem inti x'ghidtli mhux fejn tidhol l-imhabba? Hekk ghidtli le? Allura. L-istess immagina din tifla ghadha qed tibda d-dinja, sewwa u nara wiehed l-ewwel boyfriend taghha kont inti. Inti tahseb din ha tinsik hekk, hekk tahseb?*

| | |
|---|---|
| *Akkuzat:* | *Ma kontx jien l-ewwel wiehed taghha.* |
| … | |
| *Spettur Paul Camilleri:* | *Inti ghidtu dan il-kliem ta. Inti ghidtu li kont l-ewwel wiehed messagg tieghek. Mhux qaltilna hi."* |

Illi l-ufficjali prosekuturi kienu qeghdin jaghmlu referenza ghall-messagg mibghut mill-akkuzat lill-vittma minuri u li jinsab a fol. 303 tal-atti processwali. L-ezistenza ta' dan il-messagg mibghut mill-akkuzat juri bic-car li l-verzjoni moghtija fl-interrogazzjoni m'ghandhiex mis-sewwa, iktar u iktar meta wiehed iqis li l-istess akkuzat fl-ebda mument ma nnega li qatt kellu x'jaqsam sesswalment mal-vittma minuri!

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi l-imputat Myron Attard qed jigi akkuzat taht l-Artikolu 204C (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

*"Kull min jippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax-il sena jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn hames snin sa ghaxar snin".*

Illi f'dan il-kaz m'hemmx dubju li l-att sesswali bejn l-imputat Myron Attard u l-vittma -Omissis- sehh u dan stante l-kredibilità tal-vittma minuri kif kumparata mal-verzjoni tal-akkuzat fl-istqarrija tieghu u li fl-ebda hin ma nnega l-att allegat.

Illi jidher mic-certifikat tat-twelid (Dok. RT2) esebit fl-atti l-imputat kellu erbgha u ghoxrin (24) sena mentri mic-certifikat tat-twelid (Dok. PC1) il-vittma -Omissis- kellha erbatax (14)-il sena meta sehh l-allegat reat. Illi ghalhekk bejn l-imputat u -Omissis- kien hemm differenza ta' ghaxar (10) snin.

Illi minkejja li jidher li l-partijiet kienu f'relazzjoni ta' seba' (7) snin u filwaqt li jidher li l-vittma minuri kienet qieghda tagixxi bhala persuna matura ghall-età taghha l-Qorti xorta wahda mhix ser tapplika d-dispozizzjoni tal-Artikolu 204C (3) tal-Kodici Kriminali fejn jinghad:

> *"Meta l-ghemil ikun kunsenswali bejn il-pari, li jkunu qrib fl-età u fil-livell ta' zvilupp u sa fejn l-atti ma jkunux jinvolvu abbuz fiziku u, jew psikologiku, il-piena ghandha titnaqqas bi grad jew zewg gradi."*

Illi di più din il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda ta' omm il-vittma minuri -Omissis- fejn tghid hekk a fol. 125 tal-atti processwali:

> *"Qorti: Jigifieri bhala tifla inti taraha ovvjament ghax ommha qed insaqsik, hija tifla tal-eta ` taghha.*
>
> *Xhud: Ezatt, ezatt.*
>
> *Qorti: Mhux tifla iktar matura milli hi?*
>
> *Xhud: Le, ta' qatt ma fittxet dak it-tip ta' perezempju trid tohrog 'l hemm, trid u tilbes. Mhijiex dak it-tip it-tifla tieghi."*

Illi jidher mix-xhieda li tat l-istess -Omissis- li hi kienet taf ben sew minn xiex ghaddiet il-vittma minuri u ghexet din l-esperjenza

kollha magħha. Huwa għalhekk li l-Qorti tqis ix-xhieda tagħha bħala waħda kruċjali sabiex tkun tista' tistabbilixxi l-fatti kif graw kif ukoll l-insistenza tal-akkużat li jibqa' jiltaqa' mal-vittma minuri.

Illi għalhekk il-Qorti sejra ssib ħtija fuq l-akkużi kif dedotti kontra l-akkużat.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat qed jiġi akkużat ukoll bir-reat ta' korruzzjoni ta' minuri taħt l-Artikolu 203 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> *"Kull min, b'għemil żieni, jikkorrompi persuna ta' taħt is-sittax-il sena jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn erbgħa sa tmien snin."*

Illi fin-noti tieghu dwar id-dritt penali, il-**Professur Mamo** jelenka l-elementi legali rikjesti sabiex tirnexxi dina l-azzjoni penali. Fi kliemu jghid illi dana r-reat:

> *"deals with those lustful acts not consisting in carnal knowledge or attempted carnal knowledge with violence, whether actual or constructive, committed on the person or in the presence of any individual, whether male or female, and capable of defiling such individual."*

Kwindi l-ewwel (1) element rikjest hija l-età tal-allegat vittma li per forza trid tkun minorenni; it-tieni (2) element imbaghad, jikkostitwixxi l-element materjali tar-reat u cioè l-ghemil zieni.

> *"Lewd conduct is any unlawful act committed by an individual with the purpose of arousing the libido or sexual interest of themselves or the person towards whom this action is directed."*

Il-Professur Mamo jkompli jghid li:

*"this expression does not include mere words, or any picture, book or representation, though obscene, or other indecent facts which affect only the moral sense. These do not constitute the crime in question. It is required that the defilement be by lewd acts, which acts must be committed either on the person of the minor or at least in his presence"*.

Isostni wkoll illi:

*"to take a different view would be to ignore the obvious spirit of the law in creating the crime, that is the desire to protect youth from the pernicious effects of moral defilement and, therefore also from all those acts, which, although they take place without physical contacts, are nevertheless inherently intended to defile."* Il-Professur Mamo jiddeskrivi dawn l- atti bhala: *"inclusive of all acts directed to the indulgence of the sexual appetite."*

Fl-ahhar nett it-tielet (3) element rikjest huwa l-att tal-korruzzjoni. Ghalkemm kien hemm guristi li ma qablux dwar il-fatt jekk minuri li digà huwa korrott jistax ikun soggett ghal

korruzzjoni u kwindi jistax jaqa' vittma ta' dana r-reat, madanakollu l-qrati taghna dejjem sahqu illi l-fatt illi minuri jkun digà gie soggett ghal korruzzjoni ma jeskludix il-kummissjoni ta' dana r-reat fil-konfront tieghu (ghalkemm mhux dan hu l-kaz inezami). Ghal dak li jirrigwarda mbaghad il-*mens rea* rikjesta ghall-kummissjoni tar-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni l-Professur Mamo huwa tal-fehma illi ma hijiex necessarja xi intenzjoni specifika wara l-kummissjoni ta' dana r-reat:

> *"The defilement whether intended or not, must be considered as a necessary consequence of the lewd acts themselves, leaving it in every case to those who are to judge to determine whether they were calculated to defile."*

Illi certament ma jonqosx illi din il-Qorti f'dan il-kuntest tikkwota l-kaz per eccellenza ta' dan ir-reat deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali u cioè <u>**Il-Pulizija vs Thomas Wiffen**</u>, deciza fit-8 ta' Jannar 1996, per Prim Imhallef Dr Vincent De Geatano fejn gie deciz:

> *"Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propria concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli,*

*ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts.*

*'As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts."*

Illi l-**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana** (Cass. pen. n. 3196/2009) dahlet f'din id-definizzjoni fejn qalet is-segwenti:

*"Il delitto di corruzione di minorenne e quello di atti osceni in luogo pubblico concorrono formalmente se la condotta dell'agente non si limita ad offendere il pudore o l'onore sessuale, ma è posta in essere anche in modo da coinvolgere emotivamente la persona offesa. (Fattispecie nella quale il reo aveva esibito in una pubblica via il proprio organo sessuale, afferrandolo prima con una e poi con entrambe le mani alla presenza di una minore cui lo aveva mostrato)."*

Illi finalment fuq dan il-punt il-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana **(Cass. pen. n. 44681/2005 - 7/12/2005)** ikkummentat fis-sens illi:

*"Il bene giuridico tutelato nel delitto di corruzione di minorenni consiste nella salvaguardia di un sereno sviluppo psichico della sfera sessuale di soggetti di età minore, che non deve essere turbato dal trauma che può derivare dall'assistere ad atti sessuali compiuti con ostentazione da altri."*

Illi kif digà nghad iktar 'il fuq f'din is-sentenza l-att sesswali gie ppruvat mill-prosekuzzjoni. Di più l-Qorti tfakkar kif l-akkuzat minkejja li gie affrontat mill-omm tal-vittma minuri, xorta wahda baqa' jsib modijiet differenti dwar kif jista' jiltaqa' u jikkomunika mal-vittma minuri u ghaldaqstant l-element materjali kif ukoll dak intenzjonali huwa sodisfacjent ippruvat. Ghalhekk iregi li t-tieni (2) akkuza kif dedotta kontra l-akkuzat giet ippruvata u ghandu jinsab hati ta' dan ir-reat.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi ghar-rigward il-piena l-Qorti ssostni u kwazi dejjem addottat it-teorija li l-gustizzja fil-kamp kriminali ghandha tkun wahda riformattiva ghall-akkuzat. Din it-teorija giet anke ppronunzjata fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Francis Bonnici</u>** deciza fil-25 ta' Marzu tas-sena 1975:

> *"Din il-Qorti, minghajr bl-ebda mod ma tinsa l-htigijiet tar-ripressjoni tad-delinkwenza u tad-dixxiplina, temmen fil-probation u hi tal-fehma li f' Malta, bhal pajjizi ohra, hemm bzonn ta' izjed u mhux inqas probation u tawspika … li dan is-servizz pregjevoli … jigi amplifikat b' gusta*

*mizura specjalment ghal dawk iz-zghazagh li ma kellhomx il-vantaggi li l-ohrajn kellhom fil-hajja."*

Illi l-istess inghad fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Zammit** deciza fl-4 ta' Frar tas-sena 1985:

*"Kif inhu ben risaput, ghalkemm is-socjeta` tirrikjedi xi tip ta' sodisfazzjon tar-reat li jkun wettaq l-individwu, bniedem li jkun qatta' perjodu sostanzjali ta' inkarcerazzjoni mhux lakemm titfghu lura fis-socjeta` biex ifendi ghal rasu: jinhtiglu diversi mezzi ta' ghajnuna, u mhux lanqas "guidance", sabiex tigi facilitate r-reintegrazzjoni tieghu fis-socjeta` u tigi assigurata r-riabilitazzjoni tieghu; ghalhekk l-importanza ta' sistema organizzat u koordinat ta' "after care"."*

Illi din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dean Micallef** deciza fil-11 ta' Lulju 2024 fejn inghad hekk:

*"Illi din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija fit-12 ta' Dicembru 2022 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Nazzareno Caruana (Numru 45/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:*

> *"Din il-gurisprudenza ormai ben kristallizzata u accettata in linea ta' principju fil-gurisprudenza taghna, tghallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ghandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-kazijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispozizzjonijiet tal-ligi. Dan il-principju kien gie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-kaz Il-Pulizija vs. Joseph Attard moghtija [...] fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:*
>
> > *"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-Ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mil-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata*

> *ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi.""*

*Illi jkun opportun li jigi nnutat li l-piena ma ghandhiex l-iskop ta' tpattija minn naha tas-socjeta' kontra min iwettaq ir-reat izda ghandha l-iskop li teduka u tirriforma lill-hatja ta' reati halli dawn jkunu jistghu jergghu jigu reintegrati fis-socjeta' u b'hekk ikunu ta' kontribut ghas-socjeta'. B'hekk il-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni wkoll l-element retributtiv u l-element preventiv. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija fl-20 ta' Dicembru 2022 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Clifford Gatt Baldacchino (Numru 243/2019) fejn dwar il-principju tal-piena din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:*

> *"12. [...] Dan peress li l-gustifikazzjoni tal-imposizzjoni tal-piena fl-ezercizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet principji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti principali, jigifieri l-effett:*
>
> *(a) Retributtiv;*
>
> *(b) Preventiv; u*

*(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena.*

*13. L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-gurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni għal kif kienet qabel ma sehhet il-hsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-hati jrid jaghmel tajjeb ghall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paci u trankwillita' socjali.*

*14. L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi ghal biza' li s-sanzjoni li tkun tista' tinghata tohloq f'mohh il-persuni, b'mod li dak li jkun jerga' jahsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minhabba l-biza' li tehel il-piena, persuna tigi mgieghla tixtarr sew il-konsegwenzi t'eghmilha qabel ma twettaq l-att kriminuz.*

*15. L-effett preventiv ghalhekk huwa duplici: wiehed ta' natura generali u l-iehor ta' natura specjali. L-effett preventiv generali huwa dak li bis-sahha tal-ligi penali li tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita' tigi kemm jista' jkun mizmuma milli tikkommetti reati minhabba l-biza' li*

*tinkorri fil-piena jekk tinstab hatja. Aktar ma' dik il-piena tigi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv generali jkun lahaq il-mira tieghu. L-aspett preventiv specjali huwa dak li japplika ghall-hati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'ohra jerga' jahsibha sew qabel ma jaghzel li jikser il-ligi. Jekk il-kollettivita' titlef din il-biza' mill-piena minhabba li l-ligi penali tibda titnaqqar fil-kwalita' jew kwantita' tal-piena jew inkella minhabba li l-pieni ma jigux applikati bir-rigorosita' dovuta ghall-fattispecie tal-kaz, allura ma jkun hemm xejn li jgieghel lill-kollettivita' milli tiddezisti ghax jekk tiddelinkwi minghajr konsegwenza jew b'konsegwenza zghira, isir konvenjenti ghall-kollettivita' li tiddelinkwi. Dan iwassal ghal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti ghall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura tehtieg li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaci mehtieg ghall-ezistenza pacifika tal-istess kollettivita'. Altrimenti, il-kollass.*

*16. Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkoncentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-htija*

*specifika tal-hati u li ghaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-hati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa krucjali ghall-kollettivita' in kwantu jghin lill-hati jghaddi minn process ta' riforma tieghu innifsu biex jghinu jinqata' mir-ragunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jaghraf iqum fuq saqajh, billi jibni hajtu mill-gdid u ma jibqax aktar ta' theddida ghas-socjeta' bhal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa."*

…

*Illi mehud in konsiderazzjoni dak kollu li nghad hawn fuq, din il-Qorti ma tantx ghandha aktar xi tghid ghajr li l-piena hekk kif erogata mill-Ewwel Qorti taqa' sewwasew fil-parametri tal-piena ghall-imputazzjonijiet li taghhom l-appellant instab hati. Il-Qorti zzid tghid li l-piena mposta mill-Ewwel Qorti fuq l-appellant kienet wahda legalment u ragonevolment valida, mhux "manifestly excessive" u tirrispekja l-imputazzjonijiet li taghhom huwa nstab hati. Il-Qorti hija tal-fehma li ma tezisti l-ebda raguni li tista'*

*twassalha sabiex titbieghed mid-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kalibrazzjoni tal-piena minnha maghmula, liema piena ghalhekk ghandha tibqa' invarjata."*

Illi din il-Qorti sejra taghmel taghha r-ragunament ta' din is-sentenza. Hija l-fehma ta' din il-Qorti wkoll li hareg bic-car mix-xhieda li l-akkuzat minkejja li kien jaf li l-vittma minuri kienet ta' età tenera xorta wahda baqa' jikkomunika maghha u jwettaq l-allegati reati.

Illi ghalhekk hija fl-umli fehma ta' din il-Qorti li piena karcerarja effettiva hija wahda idonea sabiex issehh il-gustizzja.

<u>**Decide**</u>

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 203 (1) u 204C (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Myron Attard** hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u stante li l-ewwel (1) akkuza hija mezz ghal fini tat-tieni (2) akkuza, tikkundannah ghal hames (5) snin prigunerija effettivi.

In oltre, u a bazi tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, timponi fuq l-imputat **Myron Attard** ghal Ordni ta' Trazzin a favur il-parte civile ghal zmien tliet (3) snin u liema ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Finalment u a bazi tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li isem l-imputat **Myron Attard** jitpogga fir-Registru mwaqqaf a bazi ta' dan l-Att u konsegwentement tordna kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati ghall-annotazzjoni necessarji.

---

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**